MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 539/1998/1

**Raymond Azzopardi**

**v.**

**Denise Buhagiar**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Lulju, 2001 f’kawza ta’ kollizjoni.

Permezz tac-citazzjoni presentata fis-17 ta' Marzu, 1998 l-attur, wara li ppremetta illi fis-6 ta' Lulju, 1997 ghal xi l-11.00 a.m. waqt li huwa kien qed isuq *motorcycle* nru FAG-112, proprjeta` tieghu, huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-karozza nru BAF-279 misjuqa mill-konvenuta; illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident huwa garrab danni minhabba griehi ta' natura gravi fil-persuna tieghu li wasslu ghal debilita` ta' natura permanenti, minbarra hsarat kbar fil-*motorcycle*; illi ghall-incident u konsegwenti danni kienet tahti unikament il-konvenuta minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti; illi l-konvenuta, interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni, baqghet inadempjenti; premess dan kollu l-attur talab lil dik il-Qorti (1) tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-imsemmi incident awtomobilistiku u ghad-danni kollha li huwa garrab bhala konsegwenza ta' l-istess; (2) tillikwida dawn id-danni, jekk hemm bzonn bl-intervent ta' periti, u (3) tikkundanna lill-konvenuta thallsu dak l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez (inkluzi dawk ta' ittri ufficjali) u bl-imghax legali.

Il-konvenuta Denise Buhagiar eccepiet li hija ma kienet b'ebda mod responsabbli ghal dana l-incident li, skond hija, sehh minhabba nuqqasijiet attribwibbli lill-attur; u li ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet attrici kellhom jigu respinti.

**<u>Sentenza ta' l-Ewwel Qorti</u>**

Bis-sentenza aktar 'l fuq imsemmija, cioe` tat-30 ta' Lulju, 2001 l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u konsegwentement cahdet it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra l-attur, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

**Jirrizulta li fis-6 ta' Lulju, 1997 ghal xi 11.00 a.m. sehh incident stradali fit-telgha li hi mgharufa bhala t-Telgha tax-Xemxija, fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur li kien qed isuq il-mutur proprjeta' tieghu tal-marka Suzuki numru ta' registrazzjoni FAG-112 u l-konvenuta li kienet qed issuq il-karozza tal-marka Ford Fiesta mumru ta' registrazzjoni BAF-279. Jirrizulta li l-attur kien tiela fi**

**triq principali, cioe' f'Xemxija Hill Road, San Pawl il-Bahar, filwaqt li l-konvenuta kienet hierga minn triq laterali, cioe Triq ir-Ridott, San Pawl il-Bahar, biex tidhol fl-imsemmija Xemxija Hill Road, bl-intenzjoni li tinzel fid-direzzjoni tal-Pwales. L-attur jallega li l-konvenuta harget mill-imsemmija triq laterali b'mod intempestiv u minghajr "proper lookout" u ghalhekk l-istess konvenuta ghandha titqies li hi responsabbli ghal dan l-incident u ghad-danni konsekwenzjali li sofra l-attur kemm fuq il-persuna tieghu kif ukoll fil-mutur li kien qed isuq. Da parti taghha l-konvenuta ssostni li dan l-incident sehh unikament tort tal-attur, li ttanta jissorpassa vettura ta' terzi li kienet wieqfa minghajr ma ta kaz ghaliex dik l-istess vettura kienet waqfet;**

**Jirrizulta ukoll li l-attur kellu mieghu fuq il-mutur bhala "pillion rider" lil huh Richard Azzopardi. Il-konvenuta kellha maghha fil-karozza liz-zija taghha Rita Chetcuti li kienet fuq quddiem fil-"passenger seat" u zewg tfal li kienu fuq wara. Fil-hin tal-incident fl-imsemmija triq principali kien hemm kurrent pjuttost konsistenti ta' traffiku sejjer fid-direzzjoni tal-Mellieha, cioe' fl-istess direzzjoni li kien sejjer l-attur. Minhabba dan il-kurrent konsistenti ta' karozzi, meta l-konvenuta giet biex tidhol fl-imsemmija triq principali, kella tistenna sabiex ikun hemm waqfa jew spazju sabiex tkun tista taqsam il-karreggiata tat-traffiku u tinzel fid-direzzjoni tal-Pwales. Jidher li karozza waqfet sabiex thalli l-konvenuta tghaddi u l-konvenuta bdiet taqsam il-karreggiata tat-traffiku. Jidher ukoll li, propju dak il-hin, l-attur bil-mutur tieghu ssorpassa dik il-karozza, li waqfet sabiex setghet tghaddi l-konvenuta, u dak il-hin sehh dan l-incident;**

**Jirrizulta li l-konvenuta bin-naha tax-xellug tal-quddiem tal-karozza taghha laghqtet il-mutur tal-attur. B'hekk l-istess mutur tkaxkar mal-art u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq, cioe fuq in-naha l-hazina tat-triq ghar-rigward tad-direzzjoni li kien sejjer fiha l-attur. Jirrizulta ukoll li kemm l-attur kif ukoll l-imsemmi huh, preciz wara l-habta, marru fuq il-karozza tal-**

**konvenuta u bdew jghatu bis-sieq fuq l-istess karozza, tant li kkagunaw danni ulterjuri fuq il-karozza tal-konvenuta;**

**L-attur jghid li kien qed isuq bil-mod fin-naha tieghu tat-triq. Huwa jghid li l-konvenuta harget f'salt minn triq tal-genb fuq ix-xellug tieghu. L-istess attur ikkonferma li meta sehhet il-habta huwa kien fuq in-naha tieghu tat-triq cioe fil-karreggjata li tiehu lejn il-Mellieha. L-attur irrefera ukoll ghall-iskizz li gie prodott mill-ufficjal tal-Pulizija li investiga din il-kollizzjoni u qal li ma jaqbilx mal-istess skizz u dana billi l-vettura tal-konvenuta, effettivament, spiccat aktar lura lejn it-triq minn fejn kienet hierga, milli muri fl-istess skizz. Huwa lanqas ma qabel mal-ispot of impact kif muri fl-istess skizz. Huwa jghid li l-habta grat aktar lura cioe aktar lejn l-istess triq laterali;**

**L-attur ipproducja diversi xhieda li kkonfermaw li huwa kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq u li l-habta sehhet appuntu fil-karreggjata li tiehu lejn il-Mellieha. Uhud mill-istess xhieda kkonfermaw ukoll li l-konvenuta baqghet hierga mit-triq laterali minghajr ma waqfet. L-istess xhieda prodotti mill-attur jghidu li ma jaqblux mal-iskizz u dana peress li l-habta grat aktar lejn it-triq minn fejn kienet hierga l-konvenuta. Inoltre dawn ix-xhieda jghidu li l-konvenuta mal-habta ma waqfitx mill-ewwel izda imxiet il-quddiem qabel ma waqfet;**

**L-attur mhux ghal kollox affidabbli u f'dak li qal mhux dejjem kredibbli. L-attur fil-kontro-ezami ammetta li kien hemm linja ta' traffiku pjuttost konsistenti sejra fl-istess direzzjoni tieghu. Huwa ammetta ukoll li ma ndunax li wahda mill-karozzi fil-linja tat-traffiku kienet waqfet, sabiex il-konvenuta setghet tghaddi. Huwa jghid li ma kienx hemm karozzi nezlin fid-direzzjoni opposta. F'dawn ic-cirkostanzi hu aktar verosimili li meta l-attur kien qed jissorpassa t-traffiku sejjer fl-istess direzzjoni tieghu, huwa mar fuq in-naha l-hazina tat-triq. Ghalhekk hu aktar verosimili li l-habta saret fil-kareggiata l-ohra, cioe dik li tiehu lejn il-**

**Pwales. Jista jinghad ukoll li dan hu konfermat mil-fatt li l-karozza tal-konvenuta laqtet il-mutur bin-naha tax-xellug ta' quddiem taghha. Jidher ghalhekk ukoll li l-iskizz hu korrett. Inoltre l-attur messu kien aktar prudenti meta kien qed jghamel il-manuvra tas-sorpass aktar u aktar meta huwa stees jghid li kien jaf bit-triq laterali minn fejn harget il-konvenuta u ukoll meta jirrizulta li l-attur stqarr li huwa kien qed jaqbez vettura wieqfa;**

**Ix-xhieda prodotti mill-attur lanqas ma huma affidabbli. Dawn ix-xhieda fl-ezami deheru li riedu jghamlu l-istess enfazi dwar l-istess fatti. Huma mhux kredibbli peress li kollha, fl-affidavit taghhom, naqsu li jsemmu l-aggressjoni li wettqu l-attur u huh wara l-habta fuq il-karozza tal-konvenuta;**

**Fid-dawl ta' dan kollu l-verzjoni li tat il-konvenuta hi aktar verosimili u kredibbli. Il-konvenuta kkonfermat li kien hemm hafna traffiku tiela fid-direzzjoni tal-Mellieha u ghalhekk damet wieqfa zmien twil qabel ma bdiet hierga fit-triq principali. F'hin minnhom wahda mill-karozzi waqfet ghal kollox sabiex hi tkun tista tghaddi. Ghalkhemm is-sewwieq ta' din il-karozza ghamel sinjal sabiex il-konvenuta tohrog, l-istess konvenuta ma hargitx mill-ewwel u qabel spezzjonat it-triq. Meta rat li setghet tohrog bdiet hierga u f'daqqa wahda tfacca il-mutur tal-attur, li rat biss mal-habta. Jista jkun li l-konvenuta ma ratx il-mutur minhabba l-hafna traffiku li kien hemm sejjer fid-direzzjoni tal-Mellieha;**

**Fid-dawl ta' dan kollu l-attur ghandu jigi ritenut li hu unikament responsabbli ghal dan l-incident stante li mar fuq in-naha l-hazina tat-triq u ma kienx attent bizzejjed meta huwa kien qed jissorpassa traffiku u karozza wieqfa biex thalli l-karozza tal-konvenuta tghaddi. Ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi htija fuq il-konvenuta;**

**<u>Appell</u>**

L-attur hass ruhu aggravat minn din is-sentenza, u permezz ta’ rikors prezentat fl-20 ta’ Awissu, 2001 interpona appell minnha quddiem din il-Qorti. L-aggravji ta’ l-appellant gew minnu stess sintetizzati hekk:

**“L-aggravji tal-esponent huma cari u manifesti:**

- **Ghaliex l-ewwel Qorti ma tatx interpretazzjoni korretta tal-istat tad-dritt li kellu jkun applikat ghall-fattispece tal-incident.**
- **Ghaliex ghamlet apprezzament zbilancjat tal-fatti tal-kaz.**
- **Ghaliex ghazlet li tiskarta provi determinanti fuq l-iskorta ta’ provi irrelevanti li tressqu mill-konvenuta unikament biex jinfluwenzaw il-gudizzju tal-Qorti.**
- **B’hekk l-ewwel Qorti kkonkludiet erroneament li l-incident gara unikament tort tal-esponent.”**

L-appellant ghandu rikors ta’ appell pjuttost elaborat, pero` bazikament it-tezi tieghu hi bbazata fuq zewg punti kardinali li fil-verita` huma interkonnessi: (1) li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata dwar fejn effettivament saret il-habta, u li (2) galadarba l-i*spot of impact* kien fil-karreggjata li huwa kellu kull dritt li juza anke ghal finijiet ta’ sorpass, l-ewwel Qorti kienet zbaljata in tema legali meta kkonkludiet li kien hemm xi nuqqas da parti tieghu u li ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-attrici. Skond l-appellant huwa ghamel manuvra ta’ sorpass regolari, b’velocita` moderata hafna, kif kellu kull dritt li jaghmel, u kienet l-attrici li kellha l-obbligu li tassigura li qabel ma tohrog minn “side road” hija tesplora sew halli tassigura ruhha li setghet tohrog minghajr ma tkun ta’ ebda xkiel ghat-traffiku gej mil-lemin taghha, inkluz traffiku li, bhalma kien qed jaghmel l-appellant, kien qed jissorpassa regolarment. Din, in sostanza, hija t-tezi tal-appellant u l-bazi tad-diversi aggravji tieghu. Bhala aggravju pjuttost sekondarju – ghall-anqas din il-Qorti tqisu, kif ghandha dritt li taghmel, bhala sekondarju – l-appellant jghid li l-attrici “influwenzat” jew “ippruvat tinfluwenza” b’mod “sleali” lill-ewwel billi accennat ghall-fatt li wara l-habta l-attur u huh (li kien *pillion rider*) marru fuq il-karozza taghha u taw daqqiet ta’ sieq fuqha, u dan

peress li huma kienu ilhom li ghamlu tajjeb ghall-hsara kagunata minn dawn id-daqqiet ta' sieq, u dan il-fatt ma kien jincidi b'ebda mod fuq id-dinamika tal-kollizjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-post fejn gara l-incident u l-modalita` generali ta' kif dana sehh huma riportati f'dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti riprodotta aktar 'l fuq f'din is-sentenza. Ma hemmx kontestazzjoni li l-konvenuta kienet qed tohrog minn triq sekondarja (Triq ir-Ridott) posta lateralment ghat-triq principali (Xemxija Hill Road). Anqas hemm kontestazzjoni li dak il-hin kien hemm serbut twil ta' karozzi telghin it-telgha tax-Xemxija, u li ma kienx hemm karozzi gejjin fid-direzzjoni opposta. Minn hawn 'l quddiem jibdew id-divergenzi. L-appellata tghid li vettura partikolari tat-tip Skoda li kienet tiela t-tela' waqfitilha biex hija tkun tista' tohrog mit-triq laterali u ddur ghal Xemxija Hill Road fid-direzzjoni ta' isfel (cioe` lejn San Pawl il-Bahar). Hija harset biex tara kienx gej traffiku mid-direzzjoni opposta (ie. nezlin in-nizla) u meta rat li ma kien gej xejn bdiet hierga:

**"Is-sewwieq ta' din l-Iskoda ghamilli wkoll sinjal biex inkun nista' nohrog. Ma hrigtx mall-ewwel malli dan ghamilli sinjal, harist lejn in-naha ta' fuq biex nara jekk kienx gej traffiku u jekk jien stajtx nibqa' hiereg, ergajt harist lejn il-filliera tat-traffiku li kienet wieqfa, u hemmhekk bdejt hierga. F'daqqa wahda gie l-mutur, il-mutur jien ma rajtux…Il-mutur kien gej sparat, peress li jiena ma rajtux, u rajtu biss mal-habta. Nghid ukoll li meta jiena wasalt f'nofs it-triq, cioe` sa fejn kien hemm l-Iskoda, ergajt waqaft biex nara jekk kienx hemm traffiku gej min-naha tax-xellug tieghi [i.e. minn fuq]. Ma rajtx traffiku gej, u ghalhekk komplejt hierga, u dak il-hin li gie l-mutur fuqi."** [1]

L-appellant jikkontendi li hu kien ghaddej b'velocita` moderata hafna u jiddeskrivi l-incident, ghal dak li huwa l-mument krucjali, hekk:

---

[1] Deposizzjoni moghtija quddiem l-ewwel Qorti fit-12 ta' Gunju, 2000, fol. 98, 99.

**"Nikkonferma li jien kont qed insuq fil-*lane* tieghi <u>pero` fuq in-naha ta' barra peress li kien hemm linja tat-traffiku sejra fid-direzzjoni tal-Mellieha</u>. Meta jien wasalt hdejn is-*side street* in kwistjoni rajt karozza hierga minn fuq ix-xellug tieghi, baqghet diehla fuq il-genb tal-mutur tieghi, jiena tkaxkart fuq in-naha l-ohra tat-triq u meta qomt jiena ghidt lil dawk li kienu madwari biex iqajmuli l-mutur perress li kien hiereg il-petrol minn go fih. Nikkonferma li jien kont tiela bil-mod…<u>Jien ma ndunajtx li wahda mill-karozzi fil-linja tat-traffiku kienet waqfet peress li jien kont tiela bil-mod</u>. Jien kont naf biha s-*side street*. Jien ma kontx naf bil-karozza li kienet hierga mill-istess *side street*."**
[2]

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li kellha quddiemha l-ewwel Qorti u ma tara li hemm ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament ta' fatt milhuq minn dik il-Qorti fir-rigward tad-dinamika ta' kif sehh l-incident, u cioe` li l-attur effettivament invada l-karreggjata opposta biex jissorpassa, u li l-habta grat unikament minhabba nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-istess attur. Huwa minnu li meta l-ewwel Qorti – li, ghandu jinghad, semghet ix-xiehda kollha jiddeponu quddiemha *viva voce*, anke jekk fil-kaz ta' l-attur u ta' diversi xiehda minnu prodotti, dawn ghamlu hekk biss ghall-fini tal-kontro-ezami stante li kienu gew prodotti l-affidavits taghhom – giet biex twiezen il-mizien ghal dak li hu kredibbilita`, hadet in konsiderazzjoni l-fatt li diversi xiehda, fl-affidavits taghhom, ghazlu li ma jsemmu xejn dwar il-fatt li l-attur u huh, minnufih wara l-habta, marru jaghtu bis-sieq fuq il-vettura tal-konvenuta. Din, pero`, kienet cirkostanza li l-ewwel Qorti setghet legittimament tiehu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' kredibbilita`. Pero` anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, il-habta sehhet fil-karreggjata tal-vetturi telghin it-tela' – u mhux fil-karreggjata opposta – din il-Qorti xorta wahda hija tal-fehma li l-habta sehhet unikament minhabba nuqqas ta' attenzjoni u prudenza da parti ta' l-attur. L-attur jippretendi

[2] Deposizzjoni moghtija quddiem l-ewwel Qorti fit-22 ta' Frar, 2000, fol. 82, 83; sottolinear ta' din il-Qorti.

li huwa kien qed jissorpassa b'mod regolari. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx. Meta si tratta ta' karreggjata wahda fl-istess direzzjoni, bhalma kien il-kaz odjern, sorpass ifisser li l-vettura li tkun wara vettura ohra (irrispettivament minn jekk wahda hix *motorcycle* u l-ohra karozza) taqbez lil dik ta' quddiemha biex tiehu postha quddiem dik il-vettura li tkun hekk inqabzet. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda manuvra ta' sorpass f'dan is-sens, izda kien hemm semplicement manuvra min-naha ta' l-attur (u possibilment anke siehbu iehor li kien fuq mutur iehor warajh) "to jump the queue" tal-vetturi li kienu telghin bil-mod it-tela' tax-Xemxija billi joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghal dak li kien tiela f'karreggjata wahda li suppost tiehu linja wahda ta' traffiku u mhux tnejn. Huwa ghalhekk li l-attur jghid – ara d-deposizzjoni aktar 'l fuq riportat – li huwa kien qed isuq fil-"lane" tieghu pero` fuq in-naha ta' barra ta' dak il-"lane". Huwa ghalhekk ukoll li huwa ma ndunax bl-iSkoda li kienet waqfet ghax ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jsib postu quddiem din il-karozza izda li jibqa' jsuq parallelament mas-serbut tal-karozzi, hafna minnhom weqfin[3]. Din hija prassi, specjalment fejn si tratta ta' *motorcycles*, sfortunatement prevalenti hafna izda li pero` hija wkoll perikoluza hafna. Sewwieqa ta' *motorcycles* ghandhom jiftakru li proprju minhabba d-daqs u l-konfigurazzjoni tal-vettura taghhom, huma anqas vizibbli minn karozza, u meta joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghal dak li jkun ghaddej minn karreggjata singola ikunu qed jirriskjaw li jahsdu kemm vetturi li jkunu sejrin fl-istess direzzjoni kif ukoll vetturi li ghal xi raguni jkollhom jaqsmu dik il-karreggjata. Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti hi sodisfatta, bhalma neccessarjament kienet l-ewwel Qorti, li l-konvenuta hadet il-prekawzjonijiet kollha li c-cirkostanzi kienu jiddettaw qabel ma qasmet il-karreggjata u waqt li qed taqsamha, mentri l-attur kien imprudenti meta, galadarba kien jaf li kien hemm it-triq sekondarja, ma qaghadx attent ghall-fatt li vettura partikolari – l-iSkoda – kienet waqfet. Il-konvenuta ma ratx il-*motorcycle* tal-attur mhux ghax naqset milli tara dak li kien "in plain view", izda proprju ghax il-*motorcycle* tal-attur ma kienx

[3] Ara l-affidavit ta' John Azzopardi, fol. 47, fejn dan jghid: "Dak il-hin kien hemm numru ta' karozzi sejrin lejn il-Mellieha. Sahansitra ftit il-fuq minnha kien hemm serbut ta' karozzi weqfin."

jidher sew bil-mod kif kien qed jinsaq flimkien mal-karozzi li kien hemm prezenti. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet fattwalment u legalment korretta fil-konkluzjoni taghha.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------